# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imħallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 542/2015**

Il-Pulizija

vs

**Anthony Grech**

iben Alfred, imwieled Pieta', fl-20 ta' Gunju, 1960, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 439160(M)

Illum 25 ta' Settembru, 2018,

Il-Qorti,

Rat l-akkużi dedotti kontra l-appellant Anthony Grech quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta):

1. Talli Saq vettura jew ipprova jsuq vettura jew li kellu kontroll ta' vettura fi triq jew f'post pubbliku meta ma kienx f'kundizzjoni li jsuq minħabba xorb jew drogi;
2. Talli irrifjuta jew naqas milli jagħti kampjun tan-nifs skond il-liġi.
3. Saq l-imsemmija vettura b'manjiera traskurata.
4. Kif ukoll saq l-imsemmija vettura b'manjiera perikoluża.
5. Saq l-imsemmija vettura b'manjiera bla kont.

6. B’nuqqas ta’ ħsieb u bi traskuragni jew b’nuqqas ta’ ħila fl-arti jew professjoni jew b;nuqqas ta’ tħaris tar-regolamenti tat-traffiku, ħbatt f’arblu tad-dawl u involontarjament ikkaġunajt ħsara għad-dannu tal-Korporazzjoni EneMalta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tat-2 ta’ Diċembru, 2015 fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli 15E u 15(1)(a)(3) tal-Kapitolu 65 u l-Artikolu 328 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta, l-ewwel, ir-raba’ u l-ħames akkużi ġew irtirati mill-Prosekuzzjoni, t-tieni akkuża tirriżulta fuq ammissjoni u kkundannatu multa ta’ €1,200, it-tielet akkuża fuq ammissjoni kkundannatu multa ta’ €233 u s-sitt akkuża fuq ammissjoni, kkundannatu l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 għal żmien sentejn mil-lum.

Il_Qorti skwalifikat lill-imputat Anthony Grech milli jkollu jew milli jikseb xi liċenzja tas-sewqan għal żmien tlett xhur mil-lum.

Finalment il-Qorti tat lill-imputat Anthony Grech spjegazzjoni preskritta fis-subartikolu 22(3) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta’ Malta.

Rat ir-rikors tal-appellanti Anthony Grech minnu ppreżentat fil-15 ta’ Diċembru, 2015 fejn talab lil din il-Qorti jogħġobha tirriforma s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali tat-2 ta’ Diċembru 2015, b’dan illi, tikkonferma fik il-parti fejn sabitu ħati fuq ammissjoni tiegħu stess, filwaqt li tħassar u tikkanċella dik il-parti tas-sentenza fejn ikkundannat lill-appellant sospensjoni tal-liċenzja tas-sewqan tiegħu għal żmien tlett xhur, multa ta’ €1,433 kif ukoll *conditional discharge* ai termini ta’ l-artiklu 22 tal-Kap 44 tal-Liġijiet ta’ Malta, u tinfliġġi piena aktar mita u idonea fiċ-ċirkostanzi.

Rat l-aggravji tal-appellanti u cioe':-

Illi l-aggravju ta’ l-appellant huwa limitat biss għal dak li jirrigwarda l-piena inflitta.

Illi l-appellant ikkopera kemm mal-Pulizija Ezekuttiva kif ukoll mal-Qorti, ħlief li huwa ma xtaqx li jagħti kampjun tan-nifs peress li huwa beża' li anke birra wieħed seta' jimmarka, u li kieku għamel dan it-test, probabbli lanqas kien jimmarka.

Illi huwa tant li ried jikkopera li kien huwa stess li mar l-EneMalta u ra kemm kien ser jiswa' l-arblu tad-dawl li kien ikkaġunalu ħsara, u fil-fatt ħallas dak kollu li kien hemm dovut.
Illi l-appellant jaħdem bħala *driver* il-port u ġieli jkun xogħol anke ta' bil-lejl.

Illi l-appellant, naturalment, jaqla' l-ghixien tieghu minn dan l-impjieg u s-sospensjoni tal-licenzja tas-sewqan tieghu ghal tul ta' zmien, f'dan il-kaz, tlett xhur, ifisser li huwa jitlef l-impjieg tieghu.

Illi ghalhekk, meta wiehed iqis kemm ikkopera l-appellant, in-natura tax-xoghol tieghu kif ukoll, l-isfortuna ta' l-appellant dwar kif sehh l-incident, il-piena inflitta, b'mod partikolari s-sospensjoni tal-licenzja tas-sewqan tieghu ghal zmien tlett xhur, hija esagerata u mhix indnea fic-cirkostanzi.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat

Illi dan l-appell jirrigwarda l-piena imposta mill-Ewwel Qorti b'mod speċjali nkwantu jirrigwarda l-iskwalifika milli jkollu jew jottjeni xi liċenżja tas-sewqan.

Illi l-**Artikolu 15H (reati u pieni) tal-Kap 65 tal-Liġijiet ta' Malta** jgħid is-segwenti:

*15H. (1) Kull persuna li tikser xi dispożizzjonijiet tal-artikoli15A u 15B tkun ħatja ta' reat u meta tinsab ħatja ta' reat bħal dak jew ta'* ***reat taħt l-artikolu 15E(4) teħel –***

*(a) fil-każ tal-ewwel kundanna,* ***multa ta' mhux anqas minn elf u tmien mitt euro (€1,800)*** *jew priġunerija għal mhux iżjed minn sitt xhur jew għal dik il-multa u priġunerija flimkien;*

*(b) fil-każ tat-tieni kundanna jew ta' kull kundanna oħra warajha multa ta' mhux anqas minn tlett elef euro (€3,000) jew priġunerija għal mhux iżjed minn sena jew għal dik il-multa u priġunerija flimkien.*

*(2) B'żieda mal-pieni taħt is-subartikolu (1), il-qorti* ***<u>għandha</u>*** *tiskwalifika lill-ħati milli jkollu jew jottjeni xi liċenza tas-sewqan fil-każ tal-ewwel kundanna* ***<u>għal żmien ta' mhux anqas minn sitt xhur</u>****, u fil-każ tat-tieni kundanna jew ta' kull kundanna oħra warajha għal żmien ta' mhux anqas minn sena:……'*

L-Artikolu 15E (4) (L-għoti ta' kampjuni għall-analiżi) tal-Kap 65 tal-Liġijiet ta' Malta li hemm referenza għalih fl-Artikolu 15H appena ċitat jiddeskrivi s-segwenti:

*(4)* ***<u>Persuna li tirrifjuta</u>*** *jew tonqos* ***milli tagħti kampjun meħtieġ*** *hekk kif stabbilit taħt dan l-artikolu jew ir-regolamenti magħmula taħt din l-Ordinanza* ***tkun ħatja ta' reat*** *u sakemm ma jiġix ppruvat il-kuntrarju, titqies li l-proporzjon ta' alkoħol fid-demm ta' dik il-persuna ikun iżjed mil-limitu preskritt:*

*Iżda tkun difiża għal dik il-persuna jekk tipprova li n- nuqqas tagħha li tagħti kampjun kien minħabba l-inkapaċità fiżika jew mentali li tagħtih jew għaliex l-għoti tiegħu kien jagħti lok għal riskju sostanzjali għal saħħitha.*

Għaldaqstant din il-Qorti ma tistax tnaqqas jew tneħħi l-iskwalifika milli jottjeni jew ikollu liċenza hekk kif imposta mill-Ewwel Qorti.

Dan l-Artikolu ġie applikat mill-Ewwel Qorti minħabba li l-appellant irrifjuta milli jagħmel il-breathalyser test bil-konsegwenza li tali rifjut u ammissjoni ma jħallix alternattiva nkwantu jirrigwarda l-iskwalifika tal-liċenżja kif jidher hawn fuq. Huwa qal li rrifjuta li jagħti kampjun ta' nifs minħabba li kien ħa flixkun wieħed birra u beża li jimmarka. Iżda milll-affidavit ta' PS 816 S Vassallo jirriżulta li kemm hu u kif ukoll PC 459 kienu nnuttaw li kellu riħa qawwija ta' xorb u

ma kienx qed iżomm stabbli fuq saqajh. Inoltre, huwa jkompli jikkonferma li l-istess appellant kien ammetta magħhom kien ħa erbgħa birra ma' ħabib tiegħu wara x-xogħol.

Madankollu, d-difiza għamlet referenza għall-**Artikolu 30 (2) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta** senjatament:

(2) *Kull persuna li minħabba li tkun* ***instabet ħatja*** *taħt dan il-Kodiċi jew taħt xi liġi oħra, ikollha warrant, liċenza, permess jew awtorità miżmuma, jew tkun skwalifikata milli żżomm jew tikseb xi warrant,liċenza, permess jew awtorità, il-qorti tista', fuq talba ta' dik il-persuna, skont ma jidhrilha xieraq, wara li tieħu kont tal-kondotta tagħha, tal-imġieba tagħha* ***wara li tkun instabet ħatja****, tax-xorta tar-reat u kull ċirkostanza oħra tal-każ, u kull ċirkostanza oħra tal-każ, u wara li tisma' lill-Pulizija fil-każ ta' talba quddiem il-Qorti tal-Maġistrati jew lill-Avukat Ġenerali fil-każ ta' talba quddiem xi qorti oħra, jew tneħħi s-sospensjoni jew l-iskwalifika minn dik id-data li jogħġobha tiffissa jew tiċħad it-talba:*

Id-Difiża indikat li l-kompartament tal-appellant huwa wieħed eżemplari għax wara l-akkadut kien ikkopera mal-Pulizija u ħallas d-danni tal-arblu (Irċevuta Fol 4 tal-Proċess) u l-fedina penali tiegħu hija kompletament nadifa. Inoltre, fissret li tali skwalifika hija serja għall-appellant minħabba l-fatt li xogħolu jinvolvi jsuq it-trukkijiet u tali skwalifika tista' tfisser it-telf ta' xogħol tiegħu.

Il-Qorti tiġbed l-attenzjoni lli l-Artikolu 30 tal-Kap 9 ma jistax jiġi invokat f'dan l-istadju tal-proċeduri iżda jista' jiġi applikat wara li tkun instabet ħtija.

Għaldaqstant ikun għaqli li jsir użu minn dan l-artikolu wara li s-sentenza tkun saret *res judicata.*

Il-piena imposta mill-Ewwel Qorti, qegħda fil-parametri tal-liġi anzi qegħda fil-minimu possibli.

Il-Qorti qieset li din kienet l-ewwel darba li l-appellant wettaq xi reat u li kien ħallas mal-ewwel tad-dannu. Dwar dan il-Qorti ser tipprovdi fil-konklużjoni b'referenza partikolari għall-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446.

Għaldaqstant din il-Qorti tirriforma s-sentenza billi tikkonfermaha fejn sabitu ħati tal-imputazzjonijiet u fejn imponiet multa ta' elf ,erbgħa mija u tlieta u tletin Ewro (€1,433) Ewro u fejn skwalifikatu minn kull liċenza għal tliet (3) xhur iżda qed tbiddilha f'dik il-parti fejn il-Qorti applikat l-Artikolu 22 tal-Kap 446 għal sentejn u minflok il-Qorti qed tapplika l-istess artikolu tal-istess Kap għal sitt (6) xhur .